C/2025/4210

20.8.2025

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Lejn sistema tal-enerġija Ewropea bbilanċjata

(opinjoni fuq inizjattiva proprja)

(C/2025/4210)

Relatur: **Zsolt KÜKEDI**

Korelatur: **Philippe CHARRY**

Konsulenti	László SZABÓ (għar-relatur) Véronique CHAPPELART (għall-korelatur)
Deċiżjoni tal-Assemblea Plenarja	23.1.2025
Bażi legali	Artikolu 52(2) tar-Regoli ta' Proċedura
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Adozzjoni fis-sezzjoni	27.5.2025
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	19.6.2025
Sessjoni plenarja Nru	597
Riżultat tal-votazzjoni (favur/ kontra/astensjonijiet)	140/3/1

1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet

Il-KESE:

1.1. jilqa' l-isforzi tal-Kummissjoni Ewropea biex toħloq qafas ta' provvista tal-enerġija stabbli, affordabbli u sostenibbli għan-negozji u l-konsumaturi;

1.2. iqis li l-affordabbiltà tal-enerġija, in-newtralità karbonika u s-sigurtà tal-enerġija huma l-objettivi ewlenin ta' sistema tal-enerġija bbilanċjata;

1.3. iħeġġeġ sabiex is-suq tal-enerġija tal-UE jiġi adattat kontinwament biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050 bħala l-objettiv primarju, u fl-istess ħin jenfasizza li r-regolamentazzjoni tas-suq intern tal-enerġija għandha titfassal biex timminimizza l-impatt tal-prattiki kummerċjali spekulattivi u l-volatilità tal-prezzijiet fuq terminu qasir, u biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista, prezzijiet stabbli u prevedibbli u effetti distributtivi. Għandu jiġi żgurat l-aċċess għal enerġija affordabbli għal kulħadd;

1.4. jinnota li l-Ewropej iħallsu ħafna aktar għall-enerġija minn ħafna reġjuni oħra, speċjalment fl-Asja u l-Istati Uniti, li jagħmel ħsara lill-kompetittività, u li l-prezzijiet għoljin tal-enerġija ġiegħlu lill-kumpaniji, b'mod partikolari fil-manifattura, jirrilokaw jew jagħlqu. Dawn l-isfidi jridu jiġu indirizzati b'mod urġenti biex jiġi evitat ir-riskju ta' aktar telf ta' impjiegi;

1.5. jirrimarka li diversi Stati Membri ma laħqux l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tar-riformi tas-suq tal-elettriku, dan idewwem il-benefiċċji ta' pprezzar prevedibbli u tariffi dinamiċi;

1.6. jenfasizza l-ħtieġa li tiġi estiża l-flessibbiltà permezz ta' soluzzjonijiet ta' ħżin affordabbli, teknoloġiji innovattivi, parteċipanti ġodda fis-suq u inċentivi. Iż-żamma tal-ġenerazzjoni ta' karga bażika (nukleari u/jew tal-gass) u taħlita diversa ta' enerġija nadifa hija essenzjali biex jiġu bbilanċjati l-provvista u d-domanda. Il-blackout reċenti fi Spanja u l-Portugall ifakkar lill-Ewropa fil-ħtieġa urġenti li tinvesti f'network tal-enerġija modern u interkonness sew – li jiżgura ġenerazzjoni ta' riżerva soda, li jkun jinkludi sistema sofistikata ta' twissija f'ħin reali biex jitnaqqas l-użu tal-enerġija, u li jiggarantixxi ċ-ċibersigurtà tal-grilja;

1.7. jenfasizza l-ħtieġa li jiżdiedu l-flessibbiltà u l-effiċjenza, ir-rwol tar-rispons min-naħa tad-domanda, il-konsum intelliġenti u l-ġenerazzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli. Il-KESE jappella għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni, soluzzjonijiet li jtejbu l-effiċjenza u mudelli ta' negozju li jappoġġjaw il-ġbir flimkien ta' konsumaturi u produtturi iżgħar;

1.8. jappella għal interkonnessjonijiet transfruntiera aktar rapidi u modernizzazzjoni tal-infrastruttura biex titlesta l-Unjoni tal-Enerġija u jissaħħu l-flussi interni tal-enerġija;

1.9. jappoġġja t-talba tal-Kummissjoni li tirrakkomanda li l-Istati Membri temporanjament inaqqsu t-taxxi u l-imposti biex irażżnu l-ispejjeż għoljin kif iddikjarat fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa li l-prezzijiet tal-enerġija Ewropej jinżammu kompetittivi globalment, waqt li tiġi ppreservata l-kompetittività internazzjonali tal-ekonomija Ewropea;

1.10. jitlob li jiġi eżaminat kif jista' jsir użu aħjar tas-sorsi mhux sfruttati biżżejjed (eż. l-enerġija ġeotermali għall-elettriku, il-bijogass għall-produzzjoni lokali) u biex tiġi aċċellerata l-innovazzjoni (l-effiċjenza, id-diġitalizzazzjoni, il-flessibbiltà tal-grilja, l-integrazzjoni settorjali) permezz ta' investimenti mmirati u strumenti ta' tnaħħija tar-riskji;

1.11. jipproponi pjan direzzjonali flessibbli iżda sod għall-Istati Membri dipendenti fuq il-fjuwils fossili, bil-kooperazzjoni tal-UE u dik nazzjonali. Il-KESE jilqa' l-politiki tal-enerġija li jippermettu l-involviment taċ-ċittadini, l-ippjanar konġunt, l-aċċettazzjoni soċjali u qafas għal tranżizzjoni ġusta;

1.12. jirrakkomanda li l-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija rinnovabbli (prosumaturi u komunitajiet tal-enerġija) issir aktar aċċessibbli billi jixxejnu d-distakki regolatorji u jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess;

1.13. jirrakkomanda li l-parteċipazzjoni strutturata u sinifikanti taż-żgħażagħ tiġi inkorporata fl-istadji kollha tat-tfassil tal-politika dwar l-enerġija permezz ta' mekkaniżmi bħal kunsilli taż-żgħażagħ, gruppi konsultattivi u Test taż-Żgħażagħ tal-UE bħala parti minn valutazzjonijiet tal-impatt leġiżlattiv ewlenin fil-qasam tal-enerġija;

1.14. jipproponi l-iżvilupp ta' Pjan ta' Azzjoni Ewropew ta' Stabbiltà Tranżitorja, li jinkludi valutazzjonijiet tal-impatt fi stat tranżitorju, standards obbligatorji għal rispons ta' frekwenza dinamika (inerzja sintetika), ittestjar ta' rispons tranżitorju għal assi ġodda (ħżin li jaġixxi malajr), protokoll ta' tnaqqis tat-tagħbija bbażat fuq il-frekwenza u rappurtar annwali dwar l-inerzja tas-sistema madwar l-UE;

1.15. jilqa' t-tħabbira tal-Kummissjoni li fl-aħħar se tindirizza b'mod aktar speċifiku r-responsabbilizzazzjoni taċ-ċittadini fl-ambitu tat-tranżizzjoni tal-enerġija ġusta u tal-Pakkett tal-Enerġija taċ-Ċittadini mħabbar, u jinsab kuntent li huwa involut fit-tfassil konġunt ta' dan il-proċess.

2. **Kummenti ġenerali**

2.1. Sistema tal-enerġija Ewropea bbilanċjata fuq terminu qasir tintegra sorsi rinnovabbli, fossili u nukleari biex tiżgura provvista tal-enerġija stabbli, affordabbli u sostenibbli, waqt li gradwalment timxi lejn sorsi ta' enerġija nadifa fit-tul. Din tirrikjedi bilanċ bejn il-produzzjoni intermittenti u kostanti, is-sorsi kontrollabbli u mhux kontrollabbli u d-differenzi reġjonali fl-enerġija.

2.2. Is-suq Ewropew tal-enerġija jrid jiġi adattat b'tali mod li jissodisfa l-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, flimkien mal-objettivi tas-sigurtà tal-provvista, prezzijiet stabbli u affordabbli u li jiġi żgurat l-aċċess għall-enerġija.

2.3. Il-KESE jidentifika tliet għanijiet ewlenin għal sistema tal-enerġija Ewropea bilanċjata: enerġija affordabbli, newtralità karbonika u sigurtà tal-enerġija. Il-passi ewlenin biex dawn jintlaħqu jinkludu t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, l-elettrifikazzjoni, it-titjib tal-konnessjonijiet mal-grilja, id-diversifikazzjoni tas-sorsi, it-tisħiħ tal-ħżin u l-ġestjoni, il-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari u l-effiċjenza, żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar is-suffiċjenza, l-allinjament tal-politiki fid-diversi oqsma ta' politika, u l-investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni għas-sigurtà u l-ekwità tal-enerġija.

2.4. L-UE saħħet ir-regolamentazzjoni biex taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u ttejjeb l-effiċjenza enerġetika u l-operat tas-sistema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS). L-Unjoni tal-Enerġija tfittex li tgħaqqad is-swieq u fl-istess ħin tiżgura s-sostenibbiltà. Il-Patt Ekoloġiku għandu l-għan li jilħaq tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet sal-2030, 90 % sal-2040, u n-newtralità klimatika sal-2050, li jirrikjedi bidliet kbar fil-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija.

2.5. L-ibbilanċjar tas-sorsi tal-enerġija huwa ta' sfida. Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili iżda huma instabbli, u sorsi aktar flessibbli bħall-enerġija idroelettrika u l-gass mhumiex distribwiti b'mod uniformi. Il-ħżin limitat u l-volatilità tas-suq ikomplu jkabbru l-problema. L-UE qed tindirizza dan permezz ta' titjib fil-grilja, soluzzjonijiet ta' ħżin, u mekkaniżmi ta' kapaċità.

2.6. Fil-Boxxla għall-Kompetittività, ippubblikata fl-2025, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet l-objettiv tagħha li tibbilanċja d-dekarbonizzazzjoni mal-innovazzjoni ekonomika u l-modernizzazzjoni industrijali. Il-Patt għal Industrija Nadifa jgħaqqad l-ilħuq tal-għanijiet tal-klima u tal-kompetittività fi strateġija għat-tkabbir u l-prosperità. Dan huwa appoġġjat mill-Pjan ta' Azzjoni għall-Enerġija Affordabbli li jipproponi li jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija fuq terminu qasir, iżda l-Patt ta' Stabbiltà jikkontradixxi dan il-pjan minħabba li ma jħalli l-ebda lok biex l-Istati Membri jimmanuvraw sabiex jaċċelleraw ir-riformi strutturali li jiffrankaw l-ispejjeż u jsaħħu s-sistemi tal-enerġija tagħna kontra xokkijiet futuri fil-prezzijiet. Madankollu, il-pjan jinjora l-fatturi ewlenin li jikkawżaw prezzijiet għoljin tal-enerġija – prezzijiet għoljin tal-importazzjoni tal-gass naturali, prezzijiet għoljin tal-kwoti tal-EU ETS I u nuqqas ta' sorsi tal-enerġija biex tiġi ssodisfata d-domanda dejjem akbar għall-elettrifikazzjoni.

2.7. Il-KESE jappoġġja l-intenzjoni tal-Kummissjoni li timplimenta l-istrateġiji u l-pjani ta' azzjoni mħabbra dan l-aħħar, u permezz ta'din l-Opinjoni jippreżenta aktar proposti biex jiġi żgurat li s-sistema tal-enerġija tal-Ewropa tkun affordabbli u newtrali għall-klima, waqt li jitqiesu l-kapaċitajiet li ma ntużawx qabel (eż. l-enerġija ġeotermali u l-bijoenerġija), l-ispeċifiċitajiet territorjali nazzjonali u reġjonali, il-kompetittività, is-sigurtà, id-dekarbonizzazzjoni u tranżizzjoni ġusta f'Unjoni tal-Enerġija ġenwina u sovrana.

3. **Kummenti speċifiċi**

3.1. Is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli naqqsu l-ispejjeż u l-emissjonijiet, u għamlu l-enerġija solari u eolika kompetittiva, iżda d-dipendenza mit-temp tagħhom tikkawża volatilità fil-provvista u fil-prezzijiet. Il-ħżin limitat u l-grilji li għadda żmienhom iwasslu għal konġestjoni u żbilanċi. L-innovazzjoni hija essenzjali għat-tranżizzjoni: il-grilji intelliġenti, l-integrazzjoni settorjali, l-IA u t-teknoloġija diġitali jtejbu l-effiċjenza, l-affidabbiltà u l-flessibbiltà u fl-istess ħin jagħtu spinta lill-impjiegi u lill-industrija.

3.2. Miżuri li jtejbu l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema Ewropea tal-enerġija u l-istruttura tas-suq tal-elettriku tal-UE daħlu fis-seħħ f'nofs l-2024 ([1]), iżda mhux l-Istati Membri kollha setgħu jittrasponuhom fid-dritt nazzjonali sal-iskadenza mogħtija sas-17 ta' Jannar 2025, li jxekkel l-iżvilupp ta' suq tal-elettriku flessibbli u affordabbli.

3.3. In-newtralità teknoloġika, fi ħdan il-qafas previst, hija kruċjali għal sistema tal-enerġija bbilanċjata tal-UE peress li tiżgura s-sigurtà tal-enerġija, il-kosteffiċjenza u l-innovazzjoni mingħajr ma tiffavorixxi sorsi speċifiċi. Taħlita tal-enerġija diversa tnaqqas id-dipendenza minn kwalunkwe sors uniku, u l-kompetizzjoni tixpruna l-avvanzi fl-effiċjenza u s-sostenibbiltà. Din tippermetti wkoll flessibbiltà għall-Istati Membri biex jagħżlu soluzzjonijiet li jirriflettu r-riżorsi u l-ħtiġijiet tagħhom u fl-istess ħin jadattaw għal teknoloġiji emerġenti bħall-idroġenu jew il-ħżin avvanzat. Billi żżomm approċċ teknoloġikament newtrali, l-UE tista' tibni sistema tal-enerġija reżiljenti, kosteffettiva u li tibqa' valida fil-futur.

([1]) Ara r-Regolament (UE) 2024/1747 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1747, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1747/oj) u d-Direttiva (UE) 2024/1711 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li temenda d-Direttivi (UE) 2018/2001 u (UE) 2019/944 fir-rigward tat-titjib tat-tfassil tas-suq tal-elettriku tal-Unjoni (ĠU L, 2024/1711, 26.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1711/oj).

3.4. Il-komunitajiet tal-enerġija u l-parteċipazzjoni tal-konsumaturi (jew prosumaturi) qed ibiddlu s-sistema tal-enerġija tal-UE. Huwa importanti li wieħed jinnota li l-komunitajiet tal-enerġija jgħinu biex jibbilanċjaw il-provvista u d-domanda, u r-rwol tagħhom f'sistema tal-enerġija bbilanċjata jrid jiżdied. Il-KESE diġà saħaq fuq il-kontribut ta' mudell parzjalment awtosuffiċjenti u parzjalment iġġenerat mill-grilja ta' individwi jew organizzazzjonijiet "prosumaturi" għat-tranżizzjoni tal-enerġija ([2]), li jnaqqas id-dipendenza mill-grilja u jinkoraġġixxi konsum aktar konxju tal-enerġija. Il-produzzjoni rinnovabbli lokali u li hija proprjetà tal-komunità tagħti spinta lis-sigurtà, għandha tnaqqas il-kostijiet u ttaffi t-tagħbija minn fuq il-grilja billi tissodisfa d-domanda lokali, u fl-istess ħin tinvolvi lill-awtoritajiet lokali u lill-intraprendituri żgħażagħ fit-tħaddim ta' sistemi tal-enerġija deċentralizzati, flessibbli u reżiljenti. Dan jirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni u l-komunitajiet tal-enerġija biex jiġu appoġġjati investimenti f'komunitajiet tal-enerġija emerġenti u l-implimentazzjoni ta' kapaċitajiet ta' ħżin lokali. Jeħtieġ li l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jiġu inċentivati biex jiġu mħeġġa jistabbilixxu tali sistemi ta' ġenerazzjoni komunitarja, minħabba li ta' spiss ikollhom interessi diverġenti u inċentivi fl-ekosistema. Barra minn hekk, l-Istati Membri jidhru li qed isibuha bi tqila, u dan jagħmilha diffiċli wkoll li jiġu stabbiliti komunitajiet tal-enerġija. Il-faqar enerġetiku u l-aċċettazzjoni pubblika għadhom ta' sfida.

3.5. Is-sistema tal-enerġija tal-Ewropa qed tinbidel b'aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u tirrikjedi pprezzar u stabbiltà aħjar. Għalkemm l-enerġija solari u eolika qed tiżdied, sorsi stabbli bħall-impjanti ġeotermali, idroelettriċi u nukleari għadhom jaqdu rwol fil-forniment ta' elettriku ta' karga bażika f'ċerti Stati Membri. L-irħas sorsi (bħall-enerġija eolika u solari, li għandhom kost marġinali ta' kważi żero) huma l-ewwel sors ta' provvista, iżda l-kopertura tad-domanda massima teħtieġ backups quick-start, flessibbli u – sa fejn ikun possibbli – mingħajr emissjonijiet tal-karbonju (eż. soluzzjonijiet ta' (bijo)gass, idroġenu u ħżin), waqt li jiġi rikonoxxut li dipendenza akbar minn riżorsi ta' bilanċ tikkontribwixxi għal spejjeż ogħla tas-sistema.

3.6. Iż-żieda fis-sorsi ta' enerġija rinnovabbli qed issawwar is-suq mill-ġdid, u b'hekk jitnaqqas ir-rwol tal-ġenerazzjoni/tar-riżorsi tal-enerġija bbażata fuq il-fjuwils fossili. Fl-Ewropa d-domanda għall-elettriku staġnat matul l-aħħar għaxar snin, waqt li l-impjanti tradizzjonali jiffaċċjaw ħinijiet iqsar tal-operat u spejjeż li qed jiżdiedu, u dan irendi ħafna minnhom obsoleti. Il-mekkaniżmi ta' kapaċità jżommu xi whud fil-modalità standby għall-istabbiltà tal-grilja. Madankollu, l-elettrifikazzjoni u d-diġitalizzazzjoni dalwaqt se jżidu d-domanda għall-elettriku.

3.7. Soluzzjonijiet ġodda bħall-ħżin tal-enerġija, il-flessibbiltà tad-domanda, l-integrazzjoni settorjali u l-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-swieq tal-ibbilanċjar huma kruċjali biex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema.

3.8. Il-prezzijiet għoljin tal-enerġija jindikaw il-ħtieġa ta' investiment biex is-sistema tiġi stabbilizzata. Meta l-prezzijiet jogħlew minħabba d-disponibbiltà baxxa ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli u d-domanda għolja, dan jenfasizza l-ħtieġa ta' flessibbiltà.

Il-KESE jqis li l-investimenti għandhom jiġu diretti lejn l-oqsma ewlenin li ġejjin:

— Il-ħżin tal-enerġija: il-batteriji, il-ħażna ppumpjata u l-ħżin termali (eż. ramel jew ilma) jibbilanċjaw il-provvista u d-domanda, għalkemm dawn jeħtieġu investimenti kbar. L-enerġija żejda tista' tipproduċi wkoll idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli bħala ħżin;

— Ġenerazzjoni flessibbli: l-impjanti tal-(bijo)gass u tal-idroġenu quick-start jgħinu biex jibbilanċjaw il-provvista meta l-produzzjoni minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tvarja;

— Produtturi deċentralizzati: produtturi tal-enerġija rinnovabbli fuq skala iżgħar (eż. parks solari) li jużaw il-produzzjoni tagħhom biex jissodisfaw il-ħtiġijiet lokali u b'hekk jipprovdu flessibbiltà fis-sistema;

— Rispons tad-domanda: it-teknoloġija intelliġenti tippermetti lin-negozji u lid-djar jaqilbu l-użu tal-enerġija għas-sigħat orħos u għas-sigħat meta d-domanda tkun iktar baxxa;

— Interkonnessjoni: f'unjoni tal-enerġija integrata, l-Istati Membri jeħtiġilhom jistrieħu fuq xulxin anke biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-enerġija tagħhom. Il-kummerċ transfruntier għandu jiġi appoġġjat permezz tal-interkonnetturi;

— Is-sigurtà tal-provvista: sistema tal-enerġija aktar flessibbli u aktar kapaċità ta' ħżin huma meħtieġa għal provvista kontinwa u prevedibbli ta' enerġija, li hija kundizzjoni fundamentali għall-istabbiltà ekonomika u soċjali;

([2]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-awtokonsum tal-enerġija individwali u kollettiv bħala fattur fil-ġlieda għat-tranżizzjoni doppja ekoloġika u enerġetika, u għall-bilanċ ekonomiku u soċjali" (Opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C, C/2024/873, 6.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/873/oj).

— L-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' produzzjoni u ta' ġenerazzjoni: huwa importanti li l-Ewropa tnaqqas id-dipendenza esterna tagħha fuq it-teknoloġija, ittejjeb is-sigurtà tal-provvista, toħloq l-impjiegi u l-iżvilupp industrijali billi żżid il-kapaċitajiet ta' produzzjoni tagħha stess fil-ħżin tal-enerġija, il-ħżin termali u l-assi rinnovabbli;

— Diversifikazzjoni u esplorazzjoni ta' sorsi ġodda tal-enerġija: l-UE għandha tesplora b'mod attiv sorsi ġodda tal-enerġija, speċjalment f'oqsma strateġiċi, u b'hekk issaħħaħ is-sigurtà tas-sistema tal-enerġija u tnaqqas id-dipendenza, u tikseb ukoll vantaġġi ġeopolitiċi.

3.9. Id-disturbi reċenti fil-Peniżola Iberika jenfasizzaw il-vulnerabbiltà dejjem akbar tal-grilja tal-enerġija Ewropea. Dawn l-iżbilanċi qosra iżda kritiċi, ikkawżati minn bidliet f'daqqa bħall-iskonnessjoni ta' ġeneraturi kbar jew linji tal-elettriku, jistgħu jwasslu għal oxxillazzjonijiet severi fil-frekwenza u l-vultaġġ, li potenzjalment iwasslu għal fallimenti kaskata. Għall-kuntrarju tal-passat, is-sistemi tal-enerġija tal-lum fihom sehem ogħla ta' sorsi rinnovabbli bbażati fuq l-invertitur (solari, eoliċi), li ma jipprovdux inerzja fiżika b'mod inerenti. Dan iżid is-suxxettibbiltà għal devjazzjonijiet rapidi fil-frekwenza. L-istabbiltà tal-grilja moderna għalhekk teħtieġ:

— Inerzja sintetika: Kapaċità obbligatorja għall-ġenerazzjoni l-ġdida kollha bbażata fuq l-invertitur li tirrispondi b'mod dinamiku għall-bidliet fil-frekwenza;

— Ħżin b'azzjoni rapida: Rekwiżiti ta' riżerva fl-UE kollha għal sistemi ta' ħżin tal-enerġija li jistgħu jirreaġixxu f'temp ta' millisekondi waqt disturbi;

— Protokolli mtejba għat-tnaqqis tat-tagħbija: Qafas armonizzat tal-UE għal skonnessjoni awtomatika u gradwali tat-tagħbijiet industrijali biex tiġi protetta l-integrità ġenerali tas-sistema;

— Koordinazzjoni AC/DC: Protokolli ta' koordinazzjoni tranżitorji obbligatorji għall-interkonnetturi ibridi AC/DC kollha biex jiġu evitati ċirkwiti ta' feedback destabbilizzanti;

— Pjattaforma ta' koordinazzjoni f'ħin reali: Ħolqien ta' Osservatorju tal-UE tal-Grilja Diġitali biex jippermetti monitoraġġ transkonfinali u rispons awtomatizzat ta' emerġenza.

4. **Għanijiet li għandhom jintlaħqu**

4.1. L-UE għandha l-għan li tilħaq in-newtralità klimatika sal-2050 skont il-Patt Ekoloġiku, bi tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet u mira ta' 32 % għall-enerġija rinnovabbli sal-2030. Politiki bħall-iskema għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet (ETS) jagħtu spinta lill-industriji biex jadottaw teknoloġiji aktar nodfa. L-Unjoni tal-Enerġija tikkoordina l-isforzi nazzjonali biex tiżgura l-provvista u tissodisfa l-għanijiet klimatiċi. Programmi ta' finanzjament bħal Orizzont Ewropa u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jappoġġjaw lir-reġjuni u lis-setturi affettwati.

4.2. L-UE tappoġġja l-konnessjonijiet transfruntiera tal-enerġija permezz ta' proġetti bħal TEN-E, li jagħti prijorità lill-infrastruttura ewlenija, inklużi l-linji elettriċi b'vultaġġ għoli, biex jittejbu l-konnessjonijiet bejn l-Istati Membri.

4.3. Sistema tal-enerġija bbilanċjata tuża diversi sorsi:

— Il-fjuwils fossili bħala soluzzjoni temporanja, għalkemm ir-rwol tagħhom qed jonqos;

— L-enerġija nukleari għal enerġija stabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju;

— Idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u l-gass fossili bil-qbid u ħżin tad-diossidu tal-karbonju (CCS) bħala impjanti tal-enerġija li jistgħu jintużaw b'mod flessibbli;

— Sorsi tal-enerġija rinnovabbli bi ħżin u teknoloġiji kosteffettivi għall-affidabbiltà.

4.4. Id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli hija kruċjali għas-sigurtà, it-tnaqqis tal-emissjonijiet, u d-domanda dejjem tikber tal-UE. L-oqsma ewlenin jinkludu:

— Enerġija eolika (fuq l-art/offshore), li tespandi speċjalment fil-Baħar tat-Tramuntana;

— Enerġija solari, li qed tikber b'mod rapidu fl-Ungerija, fi Spanja, fl-Italja u fil-Ġermanja;

— Bijomassa u l-enerġija ġeotermali, użati f'reġjuni speċifiċi;

— L-enerġija idroelettrika, li għadha importanti iżda hija limitata fit-tkabbir.

4.5. L-oqsma ewlenin ta' investiment jinkludu:

— L-infrastruttura aġġornata;

— L-interkonnessjonijiet;

— Il-kapaċitajiet ta' estrazzjoni;

— Is-sorsi kollha tal-enerġija nadifa, inkluż l-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u t-trasport u l-gassijiet fossili (bis-CCS), fil-forma ta' impjanti tal-enerġija li jistgħu jintużaw b'mod flessibbli;

— L-elettrifikazzjoni;

— Il-grilji intelliġenti għal integrazzjoni aħjar tal-enerġija eolika u solari u żieda fl-għażliet ta' flessibbiltà.

L-enerġija fossili u nukleari se tibqa' importanti f'ħafna pajjiżi fuq medda qasira ta' żmien: ir-rwol tal-gass jibqa' importanti, iżda l-UE qed tnaqqas id-dipendenza tagħha, speċjalment fuq il-provvisti Russi. L-enerġija nukleari hija sors ewlieni ta' enerġija nadifa għall-pajjiżi li jagħżlu li jużawha fil-futur.

4.6. Minkejja dawn l-isforzi, għad fadal sfidi, li jinkludu:

— Spejjeż għoljin: l-interkonnessjonijiet u l-ħżin tal-batteriji jeħtieġu investiment sostanzjali. Regoli ambjentali u tas-saħħa stretti diġà huma globalment għoljin u spiss idewmu proġetti infrastrutturali ewlenin. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tipproponi mekkaniżmu li jibbilanċja l-interess pubbliku u r-regolamenti;

— Regolamentazzjoni: il-koordinazzjoni tal-flussi transfruntiera tal-elettriku hija kumplessa, u toħloq sfidi regolatorji u tas-suq;

— Dipendenza: it-tagħmir solari u tal-batteriji ġeneralment jiġi minn pajjiżi terzi, għalhekk hija meħtieġa politika tal-industrija Ewropea reali biex tiġi żgurata s-sovranità tal-enerġija tal-Ewropa;

— Approvazzjoni pubblika: it-turbini eoliċi jew linji tal-elettriku ġodda (b'vultaġġ għoli), jiffaċċjaw oppożizzjoni lokali minħabba thassib ambjentali u estetiku. Il-KESE jissuġġerixxi soluzzjonijiet biex jiżdied l-appoġġ lokali.

4.7. Sistema tal-enerġija bbilanċjata trid tqis il-ħtiġijiet differenti tal-Istati Membri, minn reġjuni industrijalizzati sa reġjuni inqas żviluppati, sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta mingħajr ma jiżdiedu l-inugwaljanzi soċjali. Għalissa, xi Stati Membri huma mġiegħla jiddependu fuq l-użu tar-riżorsi fossili ħafna aktar milli mixtieq. Minkejja l-intenzjonijiet tar-REPowerEU, uħud mill-Istati Membri għadhom jiddependu ħafna mill-fjuwils fossili, u l-gass naturali u l-faħam jaqdu rwol ewlieni. Dawn is-sitwazzjonijiet riġidi jheġġu lill-Kummissjoni Ewropea taħdem ma' dawn il-pajjiżi biex tgħinhom jaqilbu għal enerġija aktar nadifa u affordabbli. It-tnaqqis tan-nuqqasijiet ta' enerġija huwa kruċjali għall-ekwità, is-sostenibbiltà u t-tranżizzjoni tal-enerġija, u jindirizza kwistjonijiet bħall-aċċess mhux ugwali, l-ispejjeż għoljin u l-inugwaljanzi reġjonali fis-sorsi tal-enerġija, speċjalment fl-Ewropa tal-Lvant u tan-Nofsinhar.

4.8. L-isforzi biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fl-enerġija jinkludu:

— Aċċess għall-enerġija: it-titjib tal-infrastruttura f'żoni remoti u inqas żviluppati biex tiġi żgurata enerġija affidabbli u affordabbli;

— It-tnaqqis tal-faqar enerġetiku: sussidji u għajnuna li jgħinu lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx fl-ispejjeż tal-enerġija;

— Modifika retroattiva tal-enerġija: it-titjib fl-effiċjenza tal-bini għal spejjeż aktar baxxi fit-tul.

4.9. Il-bidla lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli tista' tapprofondixxi l-inugwaljanzi jekk l-aċċess għal teknoloġiji ġodda ma jkunx uniformi. L-UE tiżgura tranżizzjoni ġusta permezz ta':

— Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u Fond għall-Modernizzazzjoni: jappoġġjaw reġjuni dipendenti mill-fjuwils fossili billi jiffinanzjaw il-konverżjoni tal-industrija u t-taħriġ tal-ħaddiema;

— Proġetti tal-enerġija tal-komunità: iheġġu inizjattivi lokali tal-enerġija rinnovabbli biex titnaqqas id-dipendenza fuq kumpaniji tal-enerġija kbar;

— Effiċjenza enerġetika: investimenti f'bini effiċjenti, fit-trasport u fl-industrija jnaqqsu l-użu tal-enerġija u jtejbu l-kundizzjonijiet tal-għajxien;

— Konsistenza tal-politika: allinjament tal-politiki tal-enerġija madwar l-UE biex jiġu żgurati prezzijiet ġusti u aċċess ugwali u n-newtralità teknoloġika;

— Edukazzjoni u sensibilizzazzjoni: il-promozzjoni ta' drawwiet ta' ffrankar tal-enerġija permezz ta' kampanji appoġġjati mill-UE.

4.10. Il-KESE jenfasizza li t-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-enerġija fl-UE jirrikjedi investiment fl-infrastruttura, appoġġ soċjali, tassazzjoni ta' appoġġ, tranżizzjoni ġusta u politiki kkoordinati. It-tranżizzjoni trid tieħu ħsieb lill-popolazzjonijiet vulnerabbli u lir-reġjuni żvantaġġjati.

4.11. Il-KESE jisħaq fuq il-ħtieġa ta' ħaddiema tas-sengħa fis-settur tal-enerġija hekk kif l-UE tagħmel tranżizzjonijiet lejn is-sostenibbiltà. Oqsma ewlenin ta' għarfien espert jinkludu l-enerġija nukleari u rinnovabbli (eolika, solari, enerġija idroelettrika u ġeotermali) u l-ġestjoni tal-grilja intelliġenti. Huwa jissottolinja l-importanza ta' impjieg attraenti, b'pagi, opportunitajiet ta' karriera u kundizzjonijiet tax-xogħol kompetittivi, biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' ħiliet u tiġi appoġġjata forza tax-xogħol tal-enerġija reżiljenti. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jinvestu fl-edukazzjoni, fit-titjib tal-ħiliet u fil-mobbiltà, billi jintegraw l-enerġija rinnovabbli, il-klima u s-sostenibbiltà fil-kurrikuli u jappoġġjaw lill-intraprendituri żgħażagħ u lill-kumpaniji start-up fis-settur tal-enerġija nadifa.

4.12. Il-KESE jirrikonoxxi li waqt li t-tranżizzjoni tal-enerġija toħloq impjiegi ġodda, id-diskrepanzi fit-taħriġ u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol għadhom kwistjonijiet. L-Istati Membri jeħtiġilhom jinvestu fl-edukazzjoni u fit-titjib tal-ħiliet biex jappoġġjaw sistema tal-enerġija sostenibbli.

4.13. Minbarra s-sussidji mmirati u t-titjib tal-infrastruttura, il-KESE jappoġġja l-espansjoni tal-kooperattivi tal-enerġija tal-komunità, waqt li jiżgura li ċ-ċittadini – speċjalment iż-żgħażagħ u l-gruppi vulnerabbli – ikollhom sjieda u kontroll fuq il-produzzjoni rinnovabbli lokali.

5. **Neħtieġu aktar azzjoni**

5.1. Il-KESE jirrikonoxxi li matul it-tranżizzjoni, jista' jkun meħtieġ ibbilanċjar temporanju bbażat fuq il-gass naturali sakemm jittejbu s-sistemi tal-ħżin tal-enerġija u dawk xprunati mid-domanda. Għalkemm il-fjuwils fossili mhumiex soluzzjoni fit-tul, dawn jgħinu biex jistabbilizzaw is-sistema f'pajjiżi li jiddependu mill-gass f'terminu qasir. Madankollu, iridu jiġu żviluppati teknoloġiji aktar nodfa b'mod parallel biex l-użu tal-gass jibqa' temporanju. L-impjanti tal-gass ġodda għandhom ikunu lesti għas-CCS jew adattabbli għall-idroġenu wara l-2030.

5.2. L-enerġija ġeotermali għandha potenzjal sinifikanti lil hinn mill-provvista tas-sħana. Il-KESE enfasizza l-importanza tagħha fl-Opinjoni TEN/843 dwar "Il-potenzjal tal-enerġija ġeotermali għat-tranżizzjoni ekoloġika" ([3]), u l-Presidenza Ungeriża tal-UE għenet biex tiżgura Dikjarazzjoni konġunta biex titħaffef l-espansjoni tagħha. L-enerġija ġeotermali għandha rwol ewlieni fit-tranżizzjoni tal-Ewropa lejn sistema lokali, sostenibbli u kosteffettiva. Bħala parti mill-Pakkett dwar is-Sigurtà tal-Enerġija Sostenibbli (2016), l-UE rrikonoxxiet l-enerġija ġeotermali bħala sors stabbli ta' karga bażika biex tibbilanċja sorsi ta' enerġija rinnovabbli intermittenti bħall-enerġija eolika u solari. Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa strateġija ġeotermali komprensiva kemm għas-sħana kif ukoll għall-enerġija, li tgħin fid-diversifikazzjoni tat-taħlita enerġetika, tnaqqas l-importazzjonijiet u ssaħħaħ is-sistemi tal-enerġija lokali.

5.3. Il-bijogass jista' jkollu rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni, fil-bijoekonomija u fit-tranżizzjoni tal-enerġija tal-Ewropa. L-Istati Membri jistgħu jipproduċu sa 40 biljun metru kubu ta' bijometan sal-2030, 101 biljun sal-2040, u 150 biljun sal-2050 ([4]). Il-KESE jħeġġeġ lill-Kummissjoni żżid l-appoġġ għall-produzzjoni tal-bijogass u tal-bijometan.

5.4. L-immodernizzar tal-grilja huwa vitali għal sistema tal-enerġija flessibbli u affidabbli. Fl-Opinjoni TEN/771 dwar "L-investiment pubbliku fl-infrastruttura tal-enerġija bħala parti mis-soluzzjoni għal kwistjonijiet klimatiċi" ([5]), il-KESE appella għal investiment pubbliku fl-infrastruttura tal-grilja u għar-rikonoxximent tal-interess pubbliku tiegħu biex jiġi appoġġjat l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Dan għandu jinkludi mhux biss aġġornamenti iżda wkoll l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet bħar-rispons tad-domanda (DSR) biex titnaqqas id-domanda massima u jitnaqqsu l-kostijiet.

([3]) Avis du Comité économique et social européen — Le potentiel de l'énergie géothermique au service de la transition écologique (avis d'initiative) (ĠU C, C/2025/111, 10.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/111/oj10.1.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/111/oj).

([4]) Decoding Biogases 2025.

([5]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "L-investiment pubbliku fl-infrastruttura tal-enerġija bħala parti mis-soluzzjoni għal kwistjonijiet klimatiċi" (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C 486, 21.12.2022).

5.5. Fl-Opinjoni tiegħu TEN/837 "Il-futur tal-provvista u l-ipprezzar tal-elettriku fl-UE" ([6]), il-KESE jipproponi ġeneratur tas-suq appoġġjat mill-gvern (faċilità elettronika) biex jgħin jistabbilizza l-prezzijiet tal-elettriku, jiżgura n-newtralità klimatika, is-sigurtà tal-provvista u l-enerġija affordabbli, bħala għażla għall-Istati Membri.

5.6. Barra minn hekk, kull infrastruttura tal-grilja jew proġett ta' interkonnettur ġdid fil-qafas tat-TEN-E għandu jiġi evalwat mhux biss għall-effiċjenza ekonomika iżda wkoll għall-istabbiltà tranżitorja u l-kontribut tal-inerzja tiegħu. Bl-istess mod, id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli għandha tawtorizza kapaċità ta' rispons dinamiku tal-frekwenza fl-unitajiet kollha bbażati fuq l-invertitur biex tappoġġja l-istabbiltà tas-sistema taħt stress.

5.7. Abbażi tad-disturbi reċenti fil-Peniżola Iberika, il-KESE jirrakkomanda li l-KE tikkunsidra l-proposti regolatorji li ġejjin fil-livell tal-UE:

— taġġorna r-Regolament TEN-E biex tirrikjedi valutazzjonijiet tal-impatt fi stat tranżitorju għall-proġetti l-ġodda kollha ta' interkonnessjoni u ta' grilja;

— temenda d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli biex tinkludi l-kapaċità ta' rispons dinamiku tal-frekwenza obbligatorju fil-ġenerazzjoni kollha bbażata fuq l-invertitur;

— tawtorizza l-integrazzjoni ta' ħżin li jaġixxi malajr fi strateġiji ta' bbilanċjar tal-grilja u tħaffef l-implimentazzjoni tagħhom;

— tistabbilixxi protokoll armonizzat tal-UE għat-tnaqqis tat-tagħbija bbażat fuq il-frekwenza, b'impenji ta' kapaċità industrijali min-naħa tad-domanda;

— tikkunsidra li tittrasforma l-modifiki ta' hawn fuq fi Pjan ta' Azzjoni Ewropew ta' Stabbiltà Tranżitorja, inklużi standards obbligatorji għall-inerzja sintetika, ittestjar ta' rispons tranżitorju għal assi ġodda, u rapportar annwali dwar l-inerzja tas-sistema madwar l-UE.

5.8. Is-suq tal-enerġija jeħtieġ li jadatta għaż-żieda fl-enerġija rinnovabbli. Il-volatilità għolja tal-prezzijiet tista' twassal għal deċiżjonijiet ta' investiment ħżiena fit-tul. Il-Patt dwar l-Industrija Nadifa jħeġġeġ kuntratti fit-tul, speċjalment il-Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija (PPAs), biex jistabbilizzaw il-prezzijiet, u jiġi żgurat approċċ teknoloġikament newtrali. Il-pagamenti ta' remunerazzjoni tal-kapaċità u l-kuntratti bidirezzjonali għad-differenza (ara l-Opinjoni TEN/837) jistgħu jappoġġjaw lill-forniturі tal-flessibbiltà, iżda jeħtieġu riforma biex jiġu evitati ineffiċjenzi. Armonizzazzjoni aħjar tal-iskemi ta' appoġġ u l-mekkaniżmu tal-ipprezzar hija essenzjali.

Brussell, id-19 ta' Ġunju 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE

([6]) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew — Il-futur tal-provvista u l-ipprezzar tal-elettriku fl-UE (opinjoni fuq inizjattiva proprja) (ĠU C, C/2025/1187, 21.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1187/oj).